MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2011

Numru. 131/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christopher Pullicino)**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**-----------Omissis---------**

**Terrence Cini ta' 25 sena, iben Carmelo u anna nee Agius, imwieled Pieta' nhar il-25 ta' Awissu 1985, residenti 'Casa Blondi', Triq il-Poezija, Qormi u detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 422585(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat li permezz taghhom huwa flimkien ma -----omissis----- gie akkuzat tall:-

1. Nhar is-Sitta ta’ Jannar 2011 u fix-xhur ta’ qabel din id-data gewwa l-Mosta u f’imkejjen ohra f’dawn il-gzejjer, kellhom fil-pussess taghha jew taht il-kontroll taghha, u kif ukoll zammew arma tan-nar cioe ‘shot gun’ tad-ditta Fabarm Breschia b’numru tas-serje 538371 minghajr licenzja mahruha mill-Kummissarju tal-Pulizija.;
2. U aktar talli f’dawn il-gzejjer, fl-istess zmien u cirkostanzi, bhala persuni li gew fil-pussess ta’ l-istess arma tan-nar u munizzjon, naqsu minnufih jaghtu avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija;
3. U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba taghhom ikkagunaw biza’ lil Francis Formosa u/jew persuna/i ohra li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom u jew konta l-persuna jew il-propjeta` ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti taghhom, ahwa subien jew bniet, jew xi persuna imsemmija fl-Art 222(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisru l-kwiet u l-paci pubbliku b’ghajjat, storbju, glied u/jew b’mod iehor;

Lil Terrence Cini wahdu akkuzawh ukoll talli:

1. Nhar is-6 ta’ Jannar, 2011 f’xi hin wara it-tmienja u nofs ta’ filghaxija, f’dawn il-Gzejjer, xejentement issoprima jew b’xi mod iehor qered jew biddel it-tracci jew l-indizji ta’ reat liema reat huwa delitt suggett ghall-piena ta’ mhux anqas mill-piena ta’ prigunerija ghall-zmien sena;

--------------omissisis----------------

1. ----------omissis---------
2. ----------omissis---------
3. ----------omissis---------
4. ----------omissis---------
5. ----------omissis---------

Rat id-dokumenti;

Semghet lill-imputat Terrence Cini jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet

rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat Terrence Cini hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija mghamulha mill-imputat, il-fedina penali kwazi nadifa tieghu u l-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet taghhom u giet mghoddija l-arma tan-nar indikata fl-akkuza minnufih.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikolu 5(1) u 41 tal-Kapitolu 480, Section 222(1), 338(dd), 339(e), 111(2)(a|), 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat Terrence Cini hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta’ sentejn prigunerija li fid-dawl tal-konsidereazzjonijeit hawn fuq indikati u b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta dan il-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba’ snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------